MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2007

Numru. 342/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Clint Angelo Zammit ta' 21 sena bin Joseph u Angela nee' Spiteri imwieled Pieta' fit-2 ta' Marzu, 1986 u joqghod 153, Triq il-Vitorja, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 116086(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni kif dedotta kontra Clint Angelo Zammit u cioe` talli f'Marzu 2007 u fis-snin immedjatament precedent f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminiejiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonjiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet data jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li

jsir uzu minnha specifikat u cioe' numru ta' *converters* ta' valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-detriment tal-*Melita Cable plc.,* ai termini ta' l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-proceduri sommarji;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat.

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-l-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, ghandu fedina penali netta u wera d-dispjacir tieghu ghal dak illi ghamel.  Inoltre huwa ikkopera bis-shih mal-pulizija u anke mal-parte leza sabiex id-danni jigu minimizzati.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi wara li rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali billi issib lill-imputat Clint Angelo Zammit hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hu jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tordna lill-imputat ihallas lill-parte leza kumpens ghad-danni attwali sofferti minnha fl-ammont ta' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120) liema ammont l-hati ghandu jhallas fi zmien sitt (6) xhur u cioe b'rati mensili ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20)

fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovu fl-1 ta' Awissu, 2007-07-19

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------